# LECTIO DIVINA

# IT-32 ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

## Lq 20, 27-38

**[Lq:20:27] Mela resqu fuqu xi wħud mis-Sadduċej, dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet, u staqsewh: [Lq:20:28] "Mgħallem," qalulu,"Mosè ħallielna miktub, 'Jekk wieħed imutlu ħuh miżżewweġ u dan ikun bla tfal, dak ikollu jiżżewweġ l-armla biex inissel ulied lil ħuh.'[Lq:20:29] Issa jkun hemm sebat aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla tfal. [Lq:20:30] It-tieni wieħed, [Lq:20:31] u mbagħad it-tielet, f'kelma waħda, is-sebgħa li kienu, ħadu l-armla, u mietu bla ma ħallew tfal. [Lq:20:32] Fl-aħħar mietet il-mara wkoll. [Lq:20:33]Issa din, fil-qawmien ta' l-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa jkunu żżewwġuha." [Lq:20:34] Weġibhom Ġesù: "Il-bnedmin f'din id-dinja jiżżewwġu u jżewwġu;[Lq:20:35] imma dawk li jkun jistħoqqilhom jgħaddu għad-dinja l-oħra u jqumu mill-imwiet, dawn la jżewwġu u lanqas jiżżewwġu. [Lq:20:36] Għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla ladarba qamu mill-imwiet. [Lq:20:37] U li l-mejtin iqumu, Mosè wkoll urieh, fir-rakkont tax-xitla ta' l-għollieq, għax lill-Mulej isejjaħlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. [Lq:20:38] Issa hu m'huwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix."**

**Kuntest**

Ġesu' jidħol Ġerusalemm. Hawnhekk ir-rappreżentanti tal-gruppi reliġjużi t'Iżrael li « kienu jfittxu li jeqirduh » (Lq 19, 47) bdew isaqsuh ħafna domandi biex jaqbduh f'xi żball.

Għall-insara l-Qawmien kien il-bidu tal-Ħajja Nisranija, tant li meta ġew biex jagħżlu min kien ser jieħu l-post vojt ta' Ġuda qalu : « Jeħtieġ għalhekk li jingħażel wieħed minn dawk li ssieħbu magħna… u jkun flimkien magħna xhud tal-qawmien » (Atti 1,21-22) għax « jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħna » (1 Kor

15,14). Il-fidi fil-Qawmien ta' Ġesu' timliena bil-ferħ u tagħtina l-qawwa li nixmu warajh sas-salib u sal-mewt (ara Fil 3,10-11).

**[Lq:20:27] Mela resqu fuqu xi wħud mis-Sadduċej, dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet**

Is-Sadduċej kienu nies sinjuri, kellhom l-artijiet u ġejjin minn familji saċerdotali. Kienu marbutin biss mal-Pentatewku *,"Mosè ħallielna miktub"* (v.28) (bla ma jinkludu l-profeti li kienu jitkellmu kontra l-inġustizzji tal-għonja u ta' dawk fl-awtorita'). Fl-ewwel kotba tal-Bibbja l-mewt kienet meqjusa bħala separazzjoni mill-ħajja, għalhekk kienet ħaġa impura għax Alla huwa Alla tal-ħajjin. Kien minħabba dan il-kuntest li huma kienu jiċħdu l-Qawmien: « Għax is-Sadduċej jgħidu li la hemm qawmien minn bejn l-imwiet, la anġli u lanqas spirti; waqt li l-Fariżej jistqarru dan kollu » (Atti 23, 8). Il-fidi fil-Qawmien bdiet dieħla maż-żmien: Il-Qawmien kien ifisser li wieħed jgħaddi għal forma ta' ħajja ġdida li hija ħajja divina (differenti mill-qawmien ta' Lażżru, ta' bin l-armla ta' Najm u tat-tila ta' Ġajru li xorta waħda mietu). Ifisser li "toqgħod mal-Mulej dejjem" (ara 1 Tes 4,17).

**[Lq:20:28-33] "Mgħallem," qalulu,"Mosè ħallielna miktub, 'Jekk wieħed imutlu ħuh miżżewweġ u dan ikun bla tfal, dak ikollu jiżżewweġ l-armla biex inissel ulied lil ħuh.' Issa jkun hemm sebat aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla tfal. It-tieni wieħed, u mbagħad it-tielet, f'kelma waħda, is-sebgħa li kienu, ħadu l-armla, u mietu bla ma ħallew tfal. Fl-aħħar mietet il-mara wkoll Issa din, fil-qawmien ta' l-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa jkunu żżewwġuha."**

Is-Sadduċej riedu jwaqqgħu għaċ-ċajt ukoll lil min kien jemmen fil-Qawmien.

***« mietu bla ma ħallew tfal »* :** Il-liġi msejħa tal-Levirat (Dt 25, 5-6) kienet tgħid li jekk wieħed imut bla ulied ħu l-mejjet li ma jkunx għadu żżewweġ għandu jiżżewwiġha hu lill-armla ta' ħuħ minħabba l-ulied. L-iben kien jissemma għall-ewwel raġel il-mejjet biex ismu ma jitħassarx f'Iżrael. Bla dixxendenza jfisser li wieħed huwa separat mill-Poplu tal-Wiegħa.

***« is-sebgħa li kienu, ħadu l-armla »* :** Li 'jkollhom' u li 'jieħdu' hija l-loġika tal-egoiżmu li hija l-loġika tal-mewt. Għax meta wieħed iqiegħed kollox fiċ-ċentru tal-Jien jimtemm mal-istess 'Jien'. Il-loġika t'Alla hija l-oppost : li tagħti u li tingħata. Hija l-loġika tal-Imħabba.

**[Lq:20:34-36] Weġibhom Ġesù: "Il-bnedmin f'din id-dinja jiżżewwġu u jżewwġu; imma dawk li jkun jistħoqqilhom jgħaddu għad-dinja l-oħra u jqumu mill-imwiet, dawn la jżewwġu u lanqas jiżżewwġu. Għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla ladarba qamu mill-imwiet.**

Ġesu' ma jħallix lilu nnifsu jiġi ttentat mill-ispirtu ta' polemika imma jistedihom jidħlu fil-profond tal-verita'.

Hemm żewġ sferi: waħda hija l-ħajja taż-żwieġ u tal-mewt fejn jiġu ġenerati l-bnedmin li jmutu u din tirrigwardja l-ħajja bijoloġika u tiggarantixxi s-sopravivenza ; u l-oħra hija l-ħajja tal-ispirtu li hija diġa' preżenti fostna fid-dinja u li ma tispiċċa qatt, lanqas bil-mewt. Hija l-ħajja tal-fedelta', tal-Patt taż-Żwieġ ta' bejn Alla u l-Poplu tiegħu (ara Os 2, 18-22 u Ef 5, 31-32). Hawnhekk iż-żwieġ naturali ma jibqax iżjed neċessarju. Iservi biss bħala xbieha tad-dinja li ġejja : għaqda sħiħa u xebħ sħiħ fil-ħajja tiegħu.

***« jqumu mill-imwiet » :*** Ifisser f'li « inkunu dejjem mal-Mulej » (1 Tes 4,17), tant li « għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ » (Fil 1,21).

***« għaliex ikunu bħall-anġli » :*** « Jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali ; jekk hemm ġisem naturali hemm wkoll ġisem spiritwali. L-Iskrittura tgħid : 'L-ewwel bniedem, Adam, sar ruħ ħajja.' L-aħħar wieħed sar spirtu li jagħti l-ħajja » (1 Kor 15,44). Huwa Ġesu' li jagħti din il-ħajja ta' dejjem. L-anġli jissejħu wkoll 'il-mibgħutin' biex ixandru l-Kelma. F'dan il-kuntest, iċ-Ċelibat huwa realta' tad-dinja futura fid-dinja preżenti (ara Lq 14,26 ; 18, 29-30).

**[Lq:20:37-38] U li l-mejtin iqumu, Mosè wkoll urieh, fir-rakkont tax-xitla tal-għollieq, għax lill-Mulej isejjaħlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. Issa hu m'huwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix.**

***« Mosè wkoll urieh » :*** Isib tweġiba fil-qalba tat-Torah, fejn Alla lil Mose' jgħidlu dawn il-kelmiet (Es 3,6).

**« hu m'huwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin » :** Huwa « Sid li jħobb kulma jgħix » (ara Għerf 11,26) u ma ħalaqiex il-mewt « u lanqas togħġbu l-qerda tal-ħajjin » (Għerf 1,13).

Alla jħobb lill-bniedem b'imħabba aqwa mill-mewt.